TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 319

KAZ NRU 362

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmelo Vella

u

Aeromaritime Mediterranean Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data: 26 ta' Ottubru, 1988

CHAIRMAN : Is-Sur Carmel Debono

## 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz kien gie riferit quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fil- 11 ta' Frar, 1985, skond il-provvedimenti tal-Artiklu 28(2) tal-Att XXX tal-1976.

It-Tribunal Industrijali zamm tmien (8) laqghat, l-ewwel wahda taht ic-Chairman, is-Sur William J Abela li rrizenja ghal-ragunijiet personali.

Fl-ewwel seduta, c-Chairman aggorna l-kaz sine die invista ta' proceduri fil-Qorti Kriminali.

Fit-tieni seduta c-Chairman sottoskritt iddecieda li jisma l-kaz.

L-appellant Carmelo Vella kien assistit mis-Sur Richard A. Matrenza DPE (OXON), FRES, MIM, waqt li l-Aeromaritime Mediterranean Limited kienet raprezentata mis-Sur A Fabri u mis-Sur M D'Allessandro Personnel Manager tal-kumpanija.

2. STATEMENTS OF CASE

(a) Ghall-appellant, is-Sur Matrenza qal li waqt li Carmelo Vella kien gie impjegat fl-20 ta' Ottubru, 1979, il-kuntratt tax-xoghol kien gie finalizzat fit-18 ta' Lulju, 1980, b'sehh retroattiv mill-1 ta' Ottubru, 1979. Dan sostna s-sur Matrenza kien juri [illegible] ta' serjeta minn naha tal-Kumpanija, bhal ma kienu juri certi [illegible] i ta' l-istess kuntratt tax-Xoghol li skond is-sur Matrenza kienu jmorru kontra l-Conditions of Employment Regulation Act. Huwa rrefera wkoll ghaz-zieda li kienet tidher fic-certifikat ta' Temm ta' l-Impieg taht ir-raguni ghaliex Vella spicca mill-impieg u staqsa jekk din iz-zieda kinitx tal-Principal.

Is-Sur Vella kien gie impjegat bhala Handyman u meta tkecca kien igawdi l-grad ta' Aviation Technician. Is-Sur Vella tkecca fl-24 ta' Awissu, 1983 wara li kien allegat li 'habat ghas-supervisor tieghu b'hadida'. Is-Sur Matrenza, ghall-appellant talab lit-Tribunal isib favur l-appellant u jordna lill-Principal :-

i) illi b'effett immedjat jaghtih lura x-xoghol li kellu fl-24 ta' Awissu, 1983 (sal-lum l-appellant dejjem irregistra ghax-xoghol izda qatt ma sab xoghol.).

ii) il-perjodu mill-24 ta' Awissu, 1983 sal-jum li jinghata l-Award jitqies li kien perjodu li fih l-appellant kellu dritt li jibqa' jahdem u ghaldaqstant ghandu jinghata bi dritt il-pagi u kull hlas iehor li [illegible] tieghu bi dritt, inkluz il-hlasijiet kollha tal-Bolli tas-Sigurta Nazzjonali u l-Bonuses ta' l-ahhar tas-sena.

iii) Nitolbu wkoll lit-Tribunal illi meta jinghata lura x-xoghol li kellu l-appellant ma jitlef xejn minn Seniority u Kontinwita fl-impieg.

(b) Ghall-Kumpanija, Aeromaritime Mediterranean Ltd, is-Sur Alfred Fabri espona, illi fit-23 ta' Awissu, 1983, Vella kien attakka lis-supervisor tieghu, is-sur Alfred Grech b'hadida (Torque Wrench) u beda jaghtih biha. Huwa qal li l-Kumpanija kienet irrapurtat dan il-kaz gravi lill-Pulizija li hadu passi kriminali kontra Vella.

Barra minn hekk il-Kumpanija sostniet li Vella kien gie imwissi diversi drabi bil-fomm u bil-kitba dwar l-imgieba tieghu fuq ix-xoghol.

Il-Kumpanija sostniet li ma setghetx taccetta sitwazzjoni fejn post tax-xoghol jiddegennera ghall-stat ta' nsubordinazjoni u ta' vjolenza.

Is-sur Fabri qal li l-agir ta' Vella kien imur direttament kontra il-kuntratt tax-Xoghol li specifikament jghid 'the following offences against the Company will constitute gross misconduct and result in instant dismissal ......'.

(c) Assault.

Ghall dawn ir-ragunijiet il-Kumpanija ssottomettiet li t-tkeccija ta' Vella saret ghall-raguni gusta skond il-ligi.

## 3. XHIEDA

(a) Prodotti mill-Appellant (kif dehru)

Is-Sur Paul Vella - Missier l-appellant
Is-Sur Paul Bugeja - Surgent tal-Pulizija Nru. 449
L-Avukat J Attard Montaldo LL.D. - Avukat tal-Appellant
L-Avukat Ph. Sciberras LL.D. - Avukat tal-Appellant
Is-Sur Carmelo Vella - L-appellant

(b) Prodotti mill-Kumpanija (kif dehru)

Is-Sur Maurice D'Allessandro - Personnel Manager tal-Kumpanija
L-Avukat J.J. Vella LL.D. - Konsulent Legali tal-Kumpanija

(c) Dokumenti Guramentati

Gew prezentati zewg affidavits wiehed tas-sur Frank Meilaq, ex-Production Manager tal-Kumpanija u l-iehor tas-Sinjura Giorgia Vella, omma l-appellant; ta' l-ewwel dwar il-kaz allegat kommettiet minn Vella fit-23 ta' Awissu, 1983 u l-iehor dwar iz-zjara tat-tabib tal-kumpanija fit-22 ta' Lulju, 1983 lill-istess Vella li rraporta marid u ma kienx id-dar meta mar it-tabib.

## 4. DOKUMENTI

Matul is-smiegh tal-kaz iz-zewg partijiet resqu numru ta' dokumenti li kellhom relazjoni mal-kaz.

Fost dawn kien hemm kopji ta' bdil ta' korrispondenza bejn iz-zewg partijiet, kopja ta' twissija bil-miktub dwar nuqqas allegat ta abbuz ta' sick leave. Kopja ta' rapport tat-tabib tal-Kumpanija dwar zjara lill-Vella li ma nstabx id-dar meta mar it-tabib wara li rraporta marid, kopja tas-sentenza tal-Qorti Kriminali dwar l-akkuza ta' vjolenza kontra Vella; Statement komparattiv tal-earnings tas-sahra ta' Vella u ta' impjegati ohra li jikkomparaw mieghu fil-grad, Kopja tar-rapport maghmul fl-ghassa tal-Pulizija; Kopji ta' avvizi ta' promozjonijiet u zidiet mill-Kumpanija lill-Vella; Kopji ta' bdil ta' korrispondenza bejn is-sur Matrenza u Dipartimenti varji Governattivi u kopji ta' statements tad-Direttur tax-Xoghol dwar il-procedura u l-progress tal-kaz meta kien involut id-Dipartiment tax-Xoghol.

## 5. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Fis-sottomissjonijiet finali taghhom iz-zewg partijiet zammu l-argumenti originali fli Statements of Case izda ziedu u amplifikaw minn dak li rrizulta waqt is-smiegh tal-kaz.

Is-sur Matrenza, sostna l-fatt li l-metodu kif gie finalizat il-kuntratt tax-xoghol ta' Vella kien juri nuqqas kbir u serju kif il-kumpanija tmexxi r-relazzjonijiet fuq il-post tax-xoghol u enfasizza d-diskrepanza kif dan il-kuntratt gie attwat disgha xhur wara d-data effettiva meta wahda mill-klawsoli kienet tesigi li l-Probationary Period kellu jkun ta' tlett (3) xhur.

Reggha gie tennut l-argument u l-mistoqsija jekk iz-zieda miktuba u nkluza fic-certifikat ta' Temm ta' l-Impieg 'Qabel kellu incidenti ohra' kinitx tal-Principal. Is-Sur Matrenza talab lit-Tribunal isib "jekk it-tkeccija kinitx gusta u skond il-ligi. Jew jekk il-kastig estremu ta' tkeccija, kienx tabilhaqq meritat jew kienx kastig esegerat. Kif ukoll jekk l-employer, is-Sid, ezawriex il-mezzi kollha kontemplati ta' dixxiplina qabel wasal ghall-kastig estremu. Kif ukoll jekk il-mezzi li bihom ittratta dan il-kaz ta' l-Appellant kinux ghal kollox korretti. U fuq kollox jekk l-Employer mexiex tabilhaqq bir-raguni u bil-haqq distakkati mill-passjoni u l-emozjoni. U jekk is-Sid ghaggilx iz-zejjed meta ha d-decizjoni tieghu, kif hadha u meta hadha".

Huwa qal li l-ittri mibghuta miz-zewg avukati li nterverrew ghall-Vella qabel ma beda l-kaz quddiem it-Tribunal ma servew ghal xejn u li d-Diretturi tal-Kumpanija njoraw ghal kollox ittri simili mibghuta minnu bhala l-konsulent ta' l-Appellant biex ghall-inqas isir tentattiv ghall-koncilj azzjoni bejn il-Kumpanija u l-Appellant. Is-Sur Matrenza kkontenda li ma tresqet l-ebda xhieda fattwali dwar l-allegazzjoni li Vella assalta lis-supervisor tieghu; wisq anqas li Vella habat ghas-

sur Grech b'torque wrench ta' 18 il-pulzier meta l-unika evidenza skond ir-rapport tal-Pulizija u tat-tabib li ezamina lill-Grech wara l-incident kienet ftit grif ta' natura hafifa.

Zied jghid li d-decizjoni mehuda mill-Personnel Manager biex Vella jitkecca ttiehdet minghajr verifika tal-fatti. Kienet mghaggla u bjazimata minn dak li kien jirraporta s-supervisor ta' Vella fuqu.

Dwar l-allegazjoni li Vella kien jirrifjuta li joqghod ghas-sahra, s-sur Matrenza qal li r-return tas-sahra prodott mill-kumpanija ghal-perjodu indikat mit-Tribunal ma kienx juri dan vis-a-vis ma wiehed miz-zewg impjegati l-ohra li kien gie Vella komparat mieghu u staqsa l-ghala saret daqshekk enfasi fuq dan il-fattur ghad-dannu ta' Vella.

Biex ikompli jsahhah l-argumenti tieghu, s-sur Matrenza kkwota estratti relevanti mix-xhieda mghotija mill-Personnel Manager bil-ghan ewlieni li jistabbilixxi li d-decizjoni ta' tkeccija kienet mghaggla u li ma kienx hemm investigazjoni xierqa qabel ma ttiehdet.

Meta rrefera ghall-interventi legali qabel il-kawza Kriminali, kontra Vella, s-sur Matrenza qal li barra li l-Appellant kien gie liberat mill-Qorti mill-akkuzi kontrih, Vella ma kienx kostrett jaghmel l-ebda garanzija lis-supervisor tieghu; kieku dan kien il-kaz, qal is-sur Matrenza, il-garanzija kienet tkun registrata fil-Qorti. Is-Sur Matrenza ghall-isem l-appellant talab li wara li t-Tribunal isib kontra l-Kumpanija, jghati Award lill-Vella kif jidher hawn taht:-

(a) Illi Vella jinghata Certifikat Nadif ta' Temm ta' l-Impieg; (skond id-decizjoni ta' l-Appellant fl-'option' ta' (c) hawn taht.

(b) illi l-kumpanija ghandha thallas il-kontribuzjonijiet tas-Sigurta Nazzjonali ta' Vella minn Awissu, 1983, sal-jum li jinghata dan l-Award biex b'hekk Vella ma jkunx tilef il-kontinwita li tista' teffettwah hazin aktar il-quddiem ghajtu u meta jigi biex jirtira mix-xoghol;

(c) illi Vella jinghata l-'eption' li jista jerga' jmur lura ghax-xoghol illi kellu minghajr ebda telf ta' seniority, kontinwita u beneficcji ohrajn;

(d) illi Vella jinghata wkoll il-Bonus ta' tmiem is-Sena dovut lilu sal-jum ta' l-Award li kien ikun intitolat ghalih, kieku l-Kumpanija ma ghamlitx dak li ghamlet;

(e) somma ta' flus darba wahda biss li b'xi mod tpatti sostanzjalment ghat-telf ta' 'income' li Vella sofra minn nuqqas ta' attivita' ta' xoghol illi grat mhux htija tieghu.

Is-sur Alfred Fabri ghall-Aeromaritime Mediterranean Ltd qal li l-Kumpanija kellha record ezemplari f'dak li huma kundizzjonijiet, tahrig u pagi u ma kellha qatt l-okkazjoni tkecci lil ebda mpjegat ghajr lill-Vella. Huwa sostna izda li x-xoghol li taghmel il-Kumpanija kien jehtieg attenzjoni serja, efficjenza u fuq kollox serenita u relazzjonijiet tajba bejn l-impjegati kollha.

Is-sur Fabri kkontenda li l-kumpanija b'xoghol bhal dak li taghmel jigifieri manutenzjoni ta' magni tal-helicopters, ma setghetx taccetta minn jabbuza u jipprofitta ruhu mir-relazzjonijiet miftuha lejn l-impjegati fejn hafna drabi t-twissijiet ma jinghatawx b'metodu formali. Huwa rretena li l-kuntratt tax-xoghol ta' Vella u tal-impjegati huwa car li taht il-Kapitlu "Disciplinary Procedure" jghid hekk

"There is an obligation on the part of the employee to conduct himself in a reasonable manner, and to carry out to the best of his

ability the lawful orders of his superiors."

"The following offences against the company will constitute gross misconduct and result in instant dismissal."

"(c) Assault".

Is-sur Fabri ghamel referenza ghall nuqqasijiet ohrajn li Vella ikkommetta, jigifieri abbuz tas-sick leave, uzu eccessiv minghajr awtorizazzjoni tat-telefon tal-Kumpanija u rifjut tas-sahra. Is-sur Fabri qal li skond ix-xhieda tal-Personnel Manager, Vella kien gie rrapurtat li hedded lis-supervisor tieghu Grech drabi ohra.

Hu qal li l-incident qam wara li Vella irrifjuta li joqghod ghas-sahra fil-gurnata tat-23 ta' Awissu, 1983, u l-ghada u li skond Vella kien kellmu hazin is-supervisor tieghu Grech.

Is-Sur Fabri ghamel referenza ghall-partijiet saljenti ta' xi whud mix-xhieda, fosthom dik ta' Vella, li fl-opinjoni tal-Kumpanija kienu jidhru kontradittorji u/jew kompletament kuntrarji ghax-xhieda ta' ohrajn. Gie kuntestat ukoll kemm setgha jkun kredibbli l-affidavit ta' omm Vella dwar iz-zjara tat-tabib tal-Kumpanija, meta l-affidavit sar wara hames (5) snin.

Saret referenza ukoll ghall-proceduri legali li saru qabel il-kawza tal-Qorti Kriminali fejn is-sur Fabri rostna li fix-xhieda tieghu stess l-appellant ammetta li kien ghamel garanzija li ma jersaqx lejn is-supervisor tieghu.

Ghall dawn ir-ragunijiet is-sur Fabri ghall-isem l-Aeromeritime Mediterranean Limited talab lit-Tribunal biex isib favur il-Kumpanija li kellha ragunijiet tajba u sufficjenti biex ittemm l-impieg ta' Carmelo Vella.

## 6. KUNSIDERAZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Dan it-Tribunal Industrijali wara li ezamina x-xhieda kollha u stharreg sewwa li statements of case, kif ukoll is-sottomissjonijiet finali u d-dokumenti kollha esebiti miz-zewg partijiet jidhirlu li fil-process tas-smiegh spikkaw zewg fatturi, dak ta' l-incident fih innifsu fejn Vella huwa allegat li assalta lis-supervisor tieghu u dak dwar l-imgieba tieghu ingenerali qabel l-incident.

Saret referenza wkoll ghal dak li ntqal, kien juri nuqqas ta' serjeta minn naha tal-Kumpanija f'dak li jirrigwarda l-Kuntratt tax-Xoghol ta' l-Appellant u l-metodu mghaggel kif Vella fl-opinjoni tar-rapprezentant tieghu, gie misjub hati u mkecci,ghal dak li jirrigwarda l-Kuntratt tax-Xoghol dan it-Tribunal ma jara l-ebda diskrepanza kommessa mill-Kumpanija ghax gie iffirmat disgha (9) xhur wara d-data effettiva, gala darba dan id-dewmien ma kienx imur kontra l-interessi ta' Vella u prezumibbli ta' l-impjegati l-ohra u wisq anqas ma ppregudikalu l-kaz tieghu.

Waqt li hu maghruf li kuntratti tax-xoghol bhal dan jsiru u jigu iffirmati wara d-data ta' l-ingagg tal-impjegati u li jkunu back-dated ghal dak li jirrigwarda d-data effettiva, jkun ferm ahjar kieku l-impjegat/i jiffirma/w il-kuntratt tax-xoghol fl-ewwel jiem ta' l-impieg taghhom.

Wiehed izda jrid jzomm quddiem ghajnejh li fil-kaz ta' Vella l-Kumpanija kienet ghadha fil-bidu taghha u li dan il-Kuntratt tax-Xoghol huwa dokument komprensiv u jkopri sewwa l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati tal-Kumpanija. Fil-kuntest tar-raguni dwar l-akkuza principali kontra Vella li gie allegat li hebb ghas-supervisor tieghu, dan it-Tribunal kellu l-obligu jikkunsidra:-

(a) jekk l-offiza ta' assalt fuq is-supervisor Grech saritx u gietx ippruvata quddiem dan it-Tribunal,

(b) jekk dan kien il-kaz, x'kienet il-gravita ta' l-offiza.

Waqt li hu minnu li f'dan il-kaz kienu ttiehdu passi kriminali kontra Vella, t-Tribunal kellu l-inkarigu li jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu ndipendetament mill-proceduri tal-Qorti u ohrajn legali.

Ghal dak li jirrigwarda l-imgieba ta' l-Appellant ingenerali fuq il-post tax-xoghol, it-Tribunal jidhirlu li ghalkemm issemmew nuqqasijiet varji, bhal dak li ma nstabx id-dar meta mar izuru t-tabib tal-Kumpanija u l-uzu minghajr awtorizazjoni tat-telephone tal-Kumpanija dawn gew ippruvati ghal dik li hi kunsiderazjoni tat-Tribunal, nuqqasijiet ohra bhal dak ta' tfiegh ta' materjal tqil minn Vella briskju serju ghall min kien qieghed jahdem fil-post, theddid u rifjut tas-sahra ma kienux koperti bi twissijiet bil-miktub u/jew irrizultaw mix-xhieda waqt is-smiegh tal-kaz, ma jistawx jigu kkunsidrati mit-Tribunal bhala evidenza ppruvata kontra Vella.

Minkejja dan kollu, jidher car izda li Vella ma tkecciex primarjament minhabba l-imgieba tieghu fuq ix-xoghol izda ghax hebb ghas-supervisor tieghu.

F'dan ir-rigward, jidher li ma hemm l-ebda kontestazjoni u ghalhekk dubbju li Vella realment hebb ghas-supervisor tieghu is-sur Carmel Grech fit-23 ta' Awissu, 1983. Fix-xhieda tieghu stess Vella Stqarr aktar minn darba

"...... qbadtu hekk mill-qmies u waddabtu taht il-mejda"

Biex jiggustifika dan l-ghamil, Vella xehed li kien gie pprovokat mis-supervisor billi skond Vella s-supervisor kellmu hazin, offendielu

l-familja u ghamillu jdejh ma wiccu.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll il-gravita ta' l-assalt fuq Grech u fid-Dawl tax-xhieda prezentata u/jew mismugha, c-certifikat tat-tabib li ezamina lill-Grech immedjatament wara l-incident, jidhirlu li ma kienx hemm provi suffiocjenti li Vella uza torque wrench ta' 18 il-pulzier biex jghati bih lis-supervisor.

Nistaqsi jekk is-supervisor kienx imqabbad mieghu, Vella xehed li ma kienx. Xehed ukoll li s-supervisor kien ghenu biex tharreg is-sengha u kien jghinu. Vella ma setghax jispjega lit-Tribunal il-ghala s-supervisor kellmu hazin u offendielu l-familja fil-jum ta' l-incident ghajr li Vella marlu diversi drabi fl-ufficcju tieghu biex jitolbu jezaminalu x-xoghol kif kien ordnalu l-istess supervisor.

F'dan ic-cirkostanzi dan it-Tribunal isibha ferm difficli li jikkonkludi li s-supervisor kellu xi mottiv biex jipprovoka lil Vella.

Dan it-Tribunal ma jista qatt jiskuza u wisq anqas jiggustifika l-uzu tal-vjolenza fuq il-post u waqt ix-xoghol; f'dan il-kaz l-offiza kienet aggravata bil-grad tal-persuna li giet assaltata. It-Tribunal kellu wkoll l-obligu jezamina jekk id-decizjoni tat-tkeccija ta' Vella saritx bil-propjeta mehtiega, jigifieri kienux verifikati l-fatti kollha, kinitx mghaggla u/jew estrema, kinitx decizjoni mehuda wara li gew ezaminati l-proceduri dixxiplinarji korrettement u li ma kinitx decizjoni bjazimata u mehuda b'emozjoni u/jew passjoni.

Dan it-Tribunal wara li stharreg fil-fond ic-cirkostanzi kollha fid-dawl ta' dak li gie miktub mir-rapprezentant tal-Appellant, jidhirlu li l-Kapitlu "Disciplinary Procedure" tal-Kuntratt tax-Xoghol datat 18 ta' Lulju, 1980 iffirmat u ghalhekk accettat mill-

Appellant ma jhalli l-ebda dubblu dwar il-procedura li ghandha tintuza u tigi applikata f'kaz bhal dan.
"The following offences against the company will constitute gross misconduct and result in instant dismissal."
"(c) Assault".

Anke jekk id-decizjoni ta' tkeccija ittiehdet fl-istess jum ta' l-incident u giet konfermata l-ghada, process li l-Kumpanija kellha kull dritt tesigi, rapprezentazjonijiet sussegwenti u mghamula minn persuni ohrajn li nterverrew ghall-Appellant biex il-kumpanija terga tikkunsidra l-kaz ta' Vella, jistghu liberament u ragunevolment jitqiesu bhala okkazjonijiet fejn l-offiza u t-tkeccija ta' Vella gew mistharga u kkunsidrati mill-gdid.

## 7. AWARD TAT-TRIBUNAL

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal wara li stharreg il-kaz kollu fid-dawl tal-kunsiderazjonijiet ta' hawn fuq, isib favur l-Aeromaritime Mediterranean Limited li it-terminazzjoni tal-Impieg tas-Sur Carmelo Vella kienet ghal raguni gusta u skond il-ligi u jichad it-talbiet kollha ta' l-appellant.

Ghall finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L.48 ta' 1986) maghmula taht l-Att ta' 1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Att XXX ta' 1976) it-Tribunal qieghed jintaxxa, ghall kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghaz-zewg partijiet, id-drittijiet fis-somma ta' Erbghin (LM40) Liri Maltin.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

CARMEL DEBONO
CHAIRMAN

CHARLES CHETCUTI
SEGRETARJU

/ms